



20.2.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika:
Stharriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2018
(2017/2226(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Iskra Mihaylova

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota li l-ekonomija Ewropea wriet sinjali ta' rkupru matul l-aħħar 18-il trimestru, xi Stati Membri juru tkabbir pożittiv u kostanti, filwaqt li l-qgħad laħaq l-aktar livell baxx mill-bidu tal-kriżi; jenfasizza madankollu li, skont l-aħħar riżultati tal-indiċi tal-benessri tal-OECD, għad hemm diviżjonijiet ċari u profondi bejn is-soċjetajiet u l-individwi f'termini ta' livell ta' edukazzjoni, dħul, ġid, età u post tat-twelid; jinnota li tali inugwaljanzi, speċjalment il-qgħad fost iż-żgħażaġh u fuq terminu twil kif ukoll il-livelli ta' faqar, għadhom fil-livelli tal-kriżi f'diversi reġjuni li għadhom qed jesperjenzaw grad baxx ta' rkupru; jiġbed l-attenzjoni, f'dan il-kuntest, għall-kwistjoni tal-qgħad strutturali u l-implikazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u politiċi sfortunati tagħha; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li persuni taħt l-età ta' 25 sena huma milquta b'mod partikolarment ħażin u huma 60 % aktar probabbli li jkunu qiegħda milli dawk fl-età ta' bejn il-25 u l-54 sena; jenfasizza l-importanza tal-estensjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ (YEI) għall-perjodu 2017-2020 u taż-żieda ta' EUR 1,2 biljun fil-baġit tagħha;
2. Jenfasizza, għaldaqstant, il-ħtieġa li jitrawmu konverġenza u inklużjoni akbar; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tirrikonoxxi li hemm momentum biex tiġi appoġġjata t-tkomplija tal-irkupru permezz tat-tkabbir ekonomiku, il-konverġenza soċjali, ir-riformi strutturali u l-koeżjoni territorjali, u li qed timxi lil hinn mill-approċċ tagħha ta' awsterità tal-passat; jenfasizza li l-Unjoni Ewropea, kollha kemm hi, sabiex tippromwovi l-iżvilupp armonjuż tagħha inġenerali, għandha tiżviluppa u tfittex li twettaq azzjonijiet li jwasslu sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha u jkollha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u tindirizza r-ritard tal-inqas reġjuni vvantaġġjati tal-UE, b'mod partikolari dawk bi dħul baxx u bi tkabbir baxx (ir-reġjuni li għadhom lura); jirrimarka l-ħtieġa għal trasformazzjoni kwalitattiva komprensiva tat-taħlita ta' politika eżistenti billi tiġi pprijoritizzata l-implimentazzjoni urġenti tal-prinċipji u d-drittijiet li jinsabu fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-politika ta' koeżjoni trid tingħata riżorsi finanzjarji adegwati fil-perjodu wara l-2020 u jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta korrispondenti; jinnota li jinħtieġu investimenti fl-innovazzjoni, fl-edukazzjoni u fil-ħiliet ġodda biex tinkiseb żieda fil-produttività, li hija waħda mill-prekundizzjonijiet għal tkabbir aħjar;
3. Jilqa' s-simplifikazzjoni u l-iffokar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs); jesprimi t-tħassib tiegħu, madankollu, rigward il-livell inkonsistenti ta' implimentazzjoni tas-CSRs fl-oqsma ta' politika u l-pajjiżi; ifakkar fl-importanza ta' approċċ sinerġetiku għall-użu tal-fondi disponibbli kollha tal-UE u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkollaboraw mill-qrib u jikkoordinaw il-proċess sabiex jiżguraw l-appoġġ għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali msaħħa u jagħtu spinta lill-investiment, l-impjieġi u t-tkabbir, u li jirrikonoxxu r-rwol ta' appoġġ li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jkollhom f'dan il-proċess; jenfasizza l-ħtieġa għal miżuri ta' bini ta' kapacià u simplifikazzjoni ulterjuri tal-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE, meta jitqies li parti kbira tas-CSRs tal-2017 indirizzaw kwistjonijiet ta' kapacià

amministrattiva; jenfasizza li s-CSRs għandhom jirriflettu aħjar l-ispeċifitàjiet tal-Istati Membri. jenfasizza l-ħtieġa għal sinerġija akbar bejn il-baġit tal-UE u l-baġits tal-Istati Membri bil-għan li jinkisbu l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) u l-implimentazzjoni tas-CSRs;

4. Jenfasizza r-rwol importanti li l-politika ta' koeżjoni għandha fil-proċess ta' rkupru bħala l-politika ewlenija ta' investiment pubbliku, it-tkabbir u l-iżvilupp allinjata mal-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv; ifakkar li, bejn l-2015 u l-2017, il-politika ta' koeżjoni pprovdiet finanzjament ekwivalenti għal 8,5 % tal-investiment kapitali tal-gvern fl-Unjoni Ewropea (UE) – ċifra li titla' għal 41 % għall-aħħar 13-il Stat Membru li nqas mal-UE wara l-2004 u għal aktar minn 50 % f'seba' Stati Membri; huwa tal-fehma li għandha tinżamm mill-inqas fil-livell baġitarju simili fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur; iqis, madankollu, li l-interazzjoni tagħha mas-Semestru Ewropew m'għandhiex timpedixxi l-kisba tal-obiettivi proprji tagħha kif stipulat fit-Trattati, inkluża d-dimensjoni territorjali tagħha, filwaqt li din l-interazzjoni għandha tkun ibbilanċjata u għandha ttejjeb l-implimentazzjoni tal-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (fondi SIE) u tkompli żżid l-effett multiplikatur tal-infiq ta' koeżjoni u l-kontribut tiegħu għal tkabbir sostenibbli u inklużiv li jwassal għall-ħolqien ta' impjegi deċenti u żvilupp soċjali; iqis, f'dan il-kuntest, li huwa utli li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess tad-definizzjoni tal-parametri tas-Semestru Ewropew; jirrimarka li hija meħtieġa aktar flessibilità fid-definizzjoni tal-attivitajiet u l-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-fondi SIE u marbuta mas-CSRs u l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SATs) definiti annwalment;
5. Itenni l-ħtieġa li titħaffef l-implimentazzjoni tal-fondi SIE peress li huma għodda estremament relevanti għat-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp sostenibbli u l-ħolqien tax-xogħol, b'tali mod li jipprovdu appoġġ importanti għall-politiki nazzjonali ta' investiment u jikkontribwixxu għar-riformi strutturali relevanti; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw strutturi ta' ppjanar u koordinazzjoni u oqfsa ta' governanza aktar b'saħħithom, kif ukoll amministrazzjonijiet pubbliċi aktar effiċjenti, u biex inaqqsu l-piż amministrattiv sabiex jagħmlu l-użu tagħhom aktar effikaċi u effiċjenti; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tgħin lill-Istati Membri bl-għodod u r-riżorsi kollha disponibbli sabiex tevita r-riskju ta' diżimpenn, kif ukoll l-akkumulazzjoni ta' ħlasijiet pendenti;
6. Jilqa' l-estensjoni fit-tul u d-daqs tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) sal-2020 biex tgħin tagħti spinta lill-investiment, tevita tfixkil fil-finanzjament u sserraħ moħħ il-promoturi tal-proġetti li xorta waħda jistgħu jippjanaw proġetti wara l-perjodu ta' investiment inizjali; jissottolinja l-ħtieġa għal komplementaritàjiet u sinerġiji bejn il-fondi SIE, il-FEIS u strumenti finanzjarji oħra, kif ukoll ma' programmi Komunitarji orizzontali, filwaqt li l-fondi SIE jinżammu bħala l-politika ta' investiment ewlenija tal-UE; jinsisti li l-FEIS jrid ikun implimentat b'mod aktar bilanċjat territorjalment, u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp armonjuż tal-UE u jevita li jkun hemm aktar żidiet fl-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-persuni; ifakkar li proġetti taħt il-FEIS estiż għandhom ikomplu jindirizzaw sitwtazzjonijiet ta' investiment subottimali u nuqqasijiet fis-suq; jitlob li jkun hemm bilanċ mill-ġdid tad-distribuzzjoni territorjali tal-investiment u użu msaħħaħ fir-reġjuni inqas żviluppati; jenfasizza, għalhekk, li f'dan il-kuntest hemm ħtieġa akbar li tiġi ffaċilitata t-taħlita tal-FEIS ma' sorsi oħra ta' finanzjament tal-UE;

7. Jissottolinja r-rwol tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforri Strutturali (SRSP) fl-appoġġ ta' għajnuna mfassla apposta biex tgħin lill-Istati Membri jwettqu r-riforri tagħhom bil-għan li jtejbu l-koeżjoni, japplikaw id-dritt tal-UE f'waqtu u jużaw il-fondi tal-UE b'mod aktar effiċjenti u effikaċi; jenfasizza li s'issa l-esperjenza wriet li ħafna Stati Membri talbu appoġġ fil-qafas tal-Programm u li t-talbiet għall-appoġġ huma distribwiti fost l-oqsma kollha ta' politika; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura trasparenza sħiħa fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programm fir-rapport ta' monitoraġġ annwali f'dak li jikkonċerna r-riżultati konkreti dwar proġetti individwali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li jiġu identifikati u implimentati riforri strutturali rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern u t-tneħħija tal-burokrazija li tikkonċerna l-investimenti li għaddejjin sabiex jgħinu jtejbu l-implimentazzjoni tal-FEIS u l-ambjenti tan-negozju u l-investment;
8. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm ċertezza dwar ir-riżorsi għall-finanzjament tal-SRSP wara l-2020, riżorsi li m'għandhomx jiġu ddevjati mill-għanijiet u l-oġettivi tal-fondi SIE.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	20.2.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 -: 7 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mercedes Bresso, Steeve Briois, Andrea Cozzolino, Raymond Finch, John Flack, Iratxe García Pérez, Michela Giuffrida, Krzysztof Hetman, Ivan Jakovčić, Constanze Krehl, Sławomir Kłosowski, Louis-Joseph Manscour, Martina Michels, Iskra Mihaylova, Andrey Novakov, Paul Nuttall, Mirosław Piotrowski, Stanislav Polčák, Liliana Rodrigues, Fernando Ruas, Monika Smolková, Ruža Tomašić, Ramón Luis Valcárcel Siso, Ángela Vallina, Lambert van Nistelrooij, Kerstin Westphal, Joachim Zeller
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Daniel Buda, Andor Deli, Ivana Maletić, Urmas Paet, Tonino Picula, Georgi Pirinski, Bronis Ropè, Milan Zver
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Eleonora Evi, Anna Hedh, Bogdan Brunon Wenta

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

31	+
ALDE	Ivan Jakovčić, Iskra Mihaylova, Paet Urmas
ECR	John Flack, Sławomir Kłosowski, Mirosław Piotrowski, Ruža Tomašić
PPE	Daniel Buda, Andor Deli, Krzysztof Hetman, Ivana Maletić, Andrey Novakov, Stanislav Polčák, Fernando Ruas, Ramón Luis Valcárcel Siso, Bogdan Brunon Wenta, Milan Zver, Lambert van Nistelrooij
S&D	Mercedes Bresso, Andrea Cozzolino, Iratxe García Pérez, Michela Giuffrida, Anna Hedh, Constanze Krehl, Louis-Joseph Manscour, Tonino Picula, Georgi Pirinski, Liliana Rodrigues, Monika Smolková, Kerstin Westphal
VERTS/ALE	Bronis Ropë

7	-
EFDD	Eleonora Evi, Raymond Finch, Paul Nuttall
ENF	Steeve Briois
GUE/NGL	Martina Michels, Ángela Vallina
PPE	Joachim Zeller

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni